# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 84/2022 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**ER**

**Vs**

**MR**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' ER datat 11 ta' Frar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija, sebgha u tmenin (1987) gewwa l-Mosta u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 1000/1987 hawn anness u mmarkat bhala Dok. ER1;*

*Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2011) hawn anness u mmarkat bhala Dok. ER2;*

*Illi matul dan iz-zwieg taghhom il-partijiet adottaw tifel illum maggiorenni;*

*Illi l-partijiet ilhom de jure separati mis-sena elfejn u tnax (2011) u allura aktar*

*minn ghaxar snin;*

*Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemm l-ebda pretensjoniji reciproci dwar manteniment;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MR datata 19 ta' April 2022, a fol 13, li taqra hekk:

1. *Hija taqbel mal-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors tieghu tal-11 ta' Frar 2022; il-kontendnenti nfirdu personalment permezz ta' att pubbliku datat 11 ta' Ottubru 2011 in atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzoni bejniethom.*

2. *Ma hemm l-ebda manteniment dovut u allura ma hemm ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment.*

3. *Tenut kont ta' dan, u tenut ukoll tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 66B, 66C u 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istanti taqbel mal-pronunzjament tad-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg, bejn il-kontendenti celebrat fit-39 ta' Gunju 1987; dan purche jibqghu immutati d-drittijiet kollha taghha naxxenti mill-att pubbliku datat 11 ta' Ottubru 2011.*

4. *In vista tal-premess, u partikolarment in vista tal-fatt illi kien ir-rikorrenti 'lli ghazel li jipprocedi f'din l-istanza, l-esponenti m'ghandha tbati ebda spejjez gudizzjarji relattivi ghall-proceduri odjerni.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MR xehdet** (vide affidavit fol 16) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-30 ta' Gunju 1987 u li matul dan iz-zwieg, il-kontendenti addottaw tifel, illum maggiorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat il-11 ta' Ottubru 2011 fl-atti tan- Nutar Dr Joseph Smith La Rosa. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet. Finalment uriet ix-xewqa illi tibqa zzomm kunjomha ta' 'Romagnoli'.

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 19) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-intimata.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun***

***sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Gunju 1987, liema zwieg jgib certifikat numru 1000/1987 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Matul dan iz-zwieg il-partijiet addottaw tifel, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa nhar il-11 ta' Ottubru 2011(vide Dok B fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1000/1987 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**